



---

TESTI ADOTTATI

---

**P8\_TA(2017)0117**

**Il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE biex jipprovdi assistenza lir-Renju Unit, lil Ċipru u lill-Portugall**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdi assistenza lir-Renju Unit, lil Ċipru u lill-Portugall (COM(2017)0045 – C8-0022/2017 – 2017/2017(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0045 – C8-0022/2017),
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>3</sup>, u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0154/2017),
1. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni bħala sinjal ta' solidarjetà tal-Unjoni ma' ċittadini tal-Unjoni u mar-reġjuni milquta mid-diżastri naturali;
  2. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni*

---

<sup>1</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

<sup>2</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>3</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

*Ewropea;*

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## ANNEX

### DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdi  
assistenza lir-Renju Unit, lil Ċipru u lill-Portugall**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni  
(UE) 2017/741.)*